# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 193/2015**

Il-Pulizija

vs

**Antonella Vella**

bint Angelo, imwielda Pieta', fis-16 ta' Awwissu, 1984, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 405784(M)

Illum, 15 ta' Frar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Antonella Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar it-3 ta' Marzu, 2013 ghal habta tat-20.00hrs u/jew hinijiet qabel minn gewwa Triq ix-Xatt, il-Kalkara u f' dawn il- gzejjer, ikkommettiet serq ta' vettura tal-ghamla Isuzu Gemini bin-numru tar-registrazzjoni AAR703 liema serq hu aggravat bil-hin, bil-mezz, bl-oggett tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi €232.94 u ma jeccedix €2,329.37 u li sar ghad-detriment ta' Maria Barbara mill-Kalkara u/ jew persuni ohra;

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wettqet serq ta’ battery minn fuq l-imsemmija vettura liema serq huwa aggravat bil-hin, bil-mezz u bl-oggett tal-haga misruqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata Antonella Vella, thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-16 ta’April, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 261, 263, 267 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputata hatja, u ikkundannatha piena ta’ sentejn prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appellanta Antonella Vella pprezentat fis-27 ta’ April, 2015 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata billi, thassarha u tirrevokha u kwindi minnha tillibera lill-appellanta skont il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena, u, minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, alternattivament, tirriformha in rigward tal-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet hawn premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

Jsegwi illi f’dan il-kaz il-prosekuzzjoni naqset li tipprova sal-grad rikjest mill-Ligi u cioe' dak ta` *beyond reasonable doubt.* Dan stante illi pakkett sigaretti certament ma jfissirx li persuna kkommettiet serqa tal-vettura galadarba skont il-filmati ezebiti, l-istess vettura kellha u kienet fi stat hazin hafna. Hawn insibu diversi possibilitajiet li setgha sehh verament: (i) ghandha dritt sancit mill-Ligi fejn persuna ghandha dritt ma tispjegax u tikxef min seta verament seraq l-istess vettura: kieku ghal punt ta` argument, l-appellanti tat pakkett sigarett lil terza persuna waqt li kienet Rahal Gdid, Fgura (fejn tirrisjedi) jew ossia l-Kalkara, u dan il-persuna terza, effettivament dahal fl-istess vettura Isuzu Gemini u seraqha, allura ma jfisser xejn assolutament illi l-esponenti serqet din il-vettura!

Jimplika wkoll illi pakkett sigarett setgha ntefa mit-tieqa miftuha (stante li l-vettura kienet wahda fi stat deterjorat) minn xi hadd ossia anke wkoll l-esponenti, izda b'hekk biss ma jimplikax lill-esponenti li serqet xi vettura jew ossia batterija minnha! Il-Prosekuzzjoni riedet mill-istqarrija li l-esponenti talludi attribwazzjonijiet ohra fuq persuna/i terzi u estraneja mill-kawza appellata; tant li fid-domandi tal-istqarrija, l-ufficjal investigattiv, jistaqsi lil esponenti jekk kienx il-*partner* taghha li seraq l-vettura Isuzu, indikazzjoni carissima li lanqas l-istess pulizija ma emmnu li mara bhal l-appellanta, tisraq batterija minn vettura ipparkjata!

Hawn jsegwi li l-espoenti bhal kull cittadin regolari u mhux membru fil-Korp tal-Pulizija, mhux rikjest skont l-obbligi legali li jghin u ossia jsolvi kazijiet lill-istess Korp! Il-filmati msemmija jew ritratti mittiehda minn cameras fil-vicinanzi, ma jurux lill-esponenti titla fil-vettura Isuzu allegatament misruqa. Sempliciment l-esponenti ghaddiet bil-mixi mill-inhawi, meta dan huwa fatt maghruf li l-esponenti tirrisjedi gewwa l-Fgura u l-Kalkara tinsab ftit il-boghod mill-istess lok.

L-esponenti setghet facilment timplika lil xi hadd iehor u dan billi tghid fl-istqarrija li certu X jew Tizio talabha pakkett sigarett jew hija stess hadet sigarett minn pakkett ta` xi hadd iehor; dan biss bhala fatt, ihalli imprint digitali fuq il-pakkett. Jsegwi wkoll mill-mori tal-kawza illi fuq batterija ma nstabu ebda mpronti digitali tal-appellanti. L-istess vettura kienet tinzamm fi stat ta` quasi abbandun u dan stante li lanqas tinghalaq bil-locks meta kienet tkun ipparrkjata, fatt li jfisser li anke meta nstabet wara saghtejn biss gewwa Rahal Gdid, il-bagoll kien miftuh u wiehed seta' facilment jifthu u jiehu l-batterija msemmija minn Rahal Gdid. Fuq dawn il-mancanzi gravi u fattwibbli, ebda ipotesi immaginarja skont il-grad rikjest mill-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ma jista' jindika htija fuq l-esponenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti ma hemm ebda dubju li l-appellanta hi hatja skont l-akkuzi migjuba kontra taghha.

Illi dwar il-piena din il-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz piena karcerarja hi kontro-producenti u ghalhekk din il-Qorti ser tilqa l-appella tal-appellanta ghal dak li jirrigwarda l-piena.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Antonella Vella u tikkonferma s-sentenza appellata dwar il-meritu.  Dwar il-piena.  Tilqa' l-appell ta' Antonella Vella.  Thassar u tirrevoka l-piena ta' prigunerija effettiva.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u tikkundanna lill-appellanta ghal piena ta' sentejn prigunerija.  Tordna li tali piena ma ssehh hlief jekk l-appellanta tikkonmetti reat iehor li ghalih hemm il-piena tal-prigunerija fi zmien erba' snin mil-lum.